

**Suġġett**

Annulament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni E(2006) 3181 finali, tas-6 ta' Lulju 2006, li minn naħa, ittemm proġett li jikkonċerna azzjonijiet ta' konservazzjoni fil-Park Nazzjonali ta' Pindos ta' Fuq (il-Greċja) (Ellas — LIFE03/NAT/GR/000089), u, min-naħa l-oħra, tordna l-ħlas lura tal-ħlas bil-quddiem mogħti lir-rikorrenti bħala sostenn finanzjarju Komunitarju li kien ingħatalha skond id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2003) 2919 finali, ta' l-4 ta' Settembru 2003

**Dispożittiv**

- 1) *Ir-rikors huwa miċħud bħala inammissibbli.*
- 2) *Etairia prostasias kai diacheirisis fysikou perivallontos kai agrias zois Arktouros għandha tbat i-ispejjeż tagħha kif ukoll dawk sostnuti mill-Kummissjoni.*

(<sup>1</sup>) ĠU C 281, 18.11.2006.

**Digriet tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-21 ta' Mejju 2008 — Kronberger vs Il-Parlament**

(Kawża T-18/07) (<sup>1</sup>)

*(“Rikors għal annullament — Att li jikkonċerna l-elezzjoni għall-Parlament Ewropew — Terminu sabiex jitressaq rikors — Nuqqas ta' ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Prim'Istanza — Inammissibbiltà”)*

(2008/C 171/64)

Lingwa tal-kawża: Il-Ġermaniż

**Partijiet**

Rikorrent: Hans Kronberger (Vjenna, l-Awstrija) (rappreżentant: W. Weh, avukat)

Konvenut: Il-Parlament Ewropew (rappreżentanti: H. Krück, N. Lorenz u M. Windisch, aġenti)

**Suġġett**

Talba għall-annulament tad-deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tat-28 ta' April 2005 li tiċħad bħala infondata l-kontestazzjoni tar-rikorrent dwar l-elezzjoni ta' Andreas Mölzer bħala deputat fil-Parlament Ewropew, ippreżentata skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 12 ta' l-Att ta' l-20 ta' Settembru 1976 li jikkonċerna l-elezzjoni tar-rappreżentanti għall-Parlament Ewropew b'vot dirett universali.

**Dispożittiv**

- 1) *Ir-rikors huwa miċħud bħala inammissibbli.*
- 2) *Hans Kronberger huwa kkundannat għall-ispejjeż, inklużi dawk relattivi għall-proċeduri għal miżuri provviżorji.*

(<sup>1</sup>) ĠU C 69, 24.3.2007.

**Digriet tal-Qorti tal-Prim'Istanza ta' l-14 ta' Mejju 2008 — Lactalis Gestion Lait u Lactalis Investissements vs Il-Kunsill**

(Kawża T-29/07) (<sup>1</sup>)

*(“Rikors għal annullament — Direttiva 2006/112/KE — Tħassir ta' l-Ewwel Direttiva VAT — Annulament parzjali — Nuqqas ta' interess individwali — Inammissibbiltà”)*

(2008/C 171/65)

Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż

**Partijiet**

Rikorrenti: Lactalis Gestion Lait SNC (Laval, Franza) u Lactalis Investissements SNC (Laval) (rappreżentant: A. Philippart, avukat)

Konvenut: Il-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: A.-M. Colaert u M. Iosifidou, aġenti)

**Suġġett**

Talba għall-annulament ta' l-Artikolu 411(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE, tat-28 ta' Novembru 2006, dwar is-sistema komuni ta' taxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 347, p. 1), safejn iħassar ir-raba' u t-tmien premessi u l-ewwel u t-tielet paragrafi ta' l-Artikolu 1 ta' l-Ewwel Direttiva tal-Kunsill 67/227/KEE, tal-11 ta' April 1967, fuq l-armonizzazzjoni tal-leġiżlazzjoni ta' l-Istati Membri dwar it-taxxi fuq il-bejgħ (ĠU 71, 1967, p. 1301).

**Dispożittiv**

- 1) *Ir-rikors huwa miċħud bħala inammissibbli.*
- 2) *M'għadx hemm lok li tingħata deċiżjoni dwar it-talbiet għal intervent tal-Kummissjoni u tar-Renju ta' Spanja.*

3) *Lactalis Gestion Lait SNC u Lactalis Investissements SNC huma kkundannati għall-ispejjeż.*

(<sup>1</sup>) ĠU C 69, 24.3.2007.

**Digriet tal-Qorti tal-Prim'Istanza tat-8 ta' Mejju 2008 — Frankin et vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-92/07 P) (<sup>1</sup>)

*(“Appell — Servizz Pubbliku — Uffiċjali u membri tal-persunal temporanju — Pensjoni — Trasferiment tad-drittijiet għal pensjoni — Appell manifestament inammissibbli — Appell manifestament infondat”)*

(2008/C 171/66)

Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż

#### Partijiet

*Appellanti:* Jacques Frankin (Sorée, il-Belġju) u l-482 uffiċjali u membri tal-persunal temporanju l-oħra tal-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej li l-ismijiet tagħhom jidhru fl-Anness tas-sentenza (rappreżentant: F. Frabetti, avukat)

*Parti l-oħra fil-kawża:* Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: C. Berardis-Kayser u D. Martin, aġenti)

#### Suġġett

Appell ippreżentat kontra s-sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku ta' l-Unjoni Ewropea (L-Ewwel Awla) tas-16 ta' Jannar 2007, Frankin et vs Il-Kummissjoni (F-3/06, li għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġabra), intiż għall-annullament ta' din is-sentenza.

#### Dispożittiv

- 1) L-appell huwa miċħud.
- 2) J. Frankin u l-482 uffiċjali u membri tal-persunal temporanju l-oħra tal-Kummissjoni li l-ismijiet tagħhom jidhru fl-Anness għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom kif ukoll dawk sostenuti mill-Kummissjoni fil-kuntest ta' l-appell.

(<sup>1</sup>) ĠU C 117, 26.5.2007.

**Digriet tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-5 ta' Mejju 2008 — Pathé Distribution vs L-Aġenzija Eżekuttiva ta' l-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura**

(Kawża T-239/07) (<sup>1</sup>)

*(Klawsola ta' arbitraġġ — Aġenzija Eżekuttiva ta' l-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura — M'hemmx lok li tingħata deċiżjoni)*

(2008/C 171/67)

Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż

#### Partijiet

*Rikorrenti:* Pathé Distribution SAS (Paris, Franza) (rappreżentant: P. Deprez, avukat)

*Konvenuta:* L-Aġenzija Eżekuttiva ta' l-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura (rappreżentanti: H. Monet, aġent, assistit minn J.-L. Fagnart, avukat)

#### Suġġett

Minn naħa, rikors għall-annullament tad-deċiżjoni ta' l-Aġenzija Eżekuttiva ta' l-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura tat-8 ta' Mejju 2007, li xxolji l-kuntratt 2006-0912-0304D1021001FD1507), u min-naħa l-oħra, talba għall-kundanna ta' l-Aġenzija Eżekuttiva ta' l-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura sabiex tħallas lir-rikorrenti s-somma ta' EUR 9 737 in eżekuzzjoni ta' l-imsemmi kuntratt.

#### Dispożittiv

- 1) M'hemmx lok li tingħata deċiżjoni dwar ir-rikors.
- 2) L-Aġenzija Eżekuttiva ta' l-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura hija kkundannata għall-ispejjeż.

(<sup>1</sup>) ĠU C 211, 8.9.2007.

**Digriet tal-Qorti tal-Prim'Istanza tat-28 ta' April 2008 — Grohe vs L-UASI — Compañía Roca Radiadores (ALIRA)**

(Kawża T-315/07) (<sup>1</sup>)

*(“Trade mark Komunitarja — Oppożizzjoni — Irtirar ta' l-oppożizzjoni — M'hemmx lok li tingħata deċiżjoni”)*

(2008/C 171/68)

Lingwa tal-kawża: Il-Ġermaniż

#### Partijiet

*Rikorrenti:* Grohe AG (Hemer, il-Ġermanja) (rappreżentant: A. Lensing-Kramer, avukat)